MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2008

Citazzjoni Numru. 56/2005

Peter Muscat u martu Valeri Muscat

Vs

Mario Muscat u Bank of Valletta plc u b'digriet moghti fit-8 ta' Marzu 2006 Dr. John Paul Grech u martu Margaret Grech gew ammessi jintervjenu *in statu et terminis*

Il-Qorti,

**Ritrattazzjoni – Qerq (Artikolu 811(a) tal-Kap. 12) - Sejbien ta' dokument deciziv (Artikolu 811(k) tal-Kap. 12).**

Permezz ta' citazzjoni prezentata fil-21 ta' Gunju 2005, l-atturi qeghdin jitolbu r-revoka tas-sentenza li nghatat minn din il-Qorti fis-27 ta' Jannar 2005 fil-kawza **Bank of Valletta plc vs Mario Muscat et** (Cit. nru: 76/2002) u s-smigh mill-gdid tal-kawza. Permezz tas-sentenza l-Qorti

ddikjarat li l-konvenuti (Mario Muscat, Peter Muscat u Valeri Muscat) m'ghandhom l-ebda titolu fuq il-proprjeta' illum jisimha ANZ Villa, triq Buskett Dingli, Dingli u ordnat l-izgumbrament taghhom. Il-bazi ghat-talba ta' ritrattazzjoni hu li wara dik is-sentenza nstab dokument deciziv (Artikolu 811(k) tal-Kap. 12) li r-ritrattandi jindikaw bhala kuntratt li sar fil-15 ta' April 1995 fl-atti tan-nutar Carmel Mangion bejn Mario Muscat u l-kumpannija Cranes and Commercial Sales Ltd dwar bejgh ta' *cabin cruiser* ghall-prezz ta' sebghin elf lira Maltija (Lm70,000). Isostnu wkoll li s-sentenza ttiehdet b'qerq ghaliex dan id-dokument inzamm mohbi mill-Qorti. Ir-ritrattandi ppremettew li dan il-kuntratt hu simulat u sar biss bl-iskop li jikkawtela lil Cranes and Commercial Sales Ltd sabiex tithallas il-bilanc tal-prezz tal-immobbli li bieghet lil Mario Muscat permezz ta' kuntratt iehor li sar dakinhar, liema prezz kien ta' mija u hamsa u sittin elf lira Maltija (Lm165,000) ghalkemm fil-kuntratt ta' bejgh gie dikjarat li l-prezz kien ta' hamsa u disghajn elf lira Maltija (Lm95,000). Komplew jippremettu li dan il-kuntratt wassal sabiex l-immobbli nbiegh bis-subbasta wara li *"l-ipoteka generali skritta in kawtela tar-ripagament tal-imsemmija somma falzament dovuta, giet ridotta ghal ipoteka specjali a tenur tal-Art. 2016 tal-Kodici Civili, wara kuntratt iehor fl-atti tan-Nutar Peter Fleri Soler tal-5 ta' Mejju 1997"*.

Permezz ta' nota ta' l-eccezzjonijiet prezentata fid-19 ta' Awwissu 2005 (fol. 41), Mario Muscat eccepixxa:-

1. Il-proceduri ta' ritrattazzjoni ma jistghux jintuzaw minflok appell.

2. Li fil-kawza **Bank of Valletta plc vs Mario Muscat et** (Cit. numru 76/2002) hi gusta u li m'huwiex minnu li kien hemm simulazzjoni ta' kuntratt jew xi element ta' qerq kif allegat mill-atturi.

Permezz ta' nota ta' l-eccezzjonijiet prezentata fl-24 ta' Awwissu 2005 (fol. 47), Bank of Valletta plc eccepixxa li:-

1. Ic-citazzjoni ntavolata mill-atturi hi frivola u vessatorja in kwantu ma tezisti l-ebda wahda mir-

ragunijiet li a bazi taghhom l-atturi qeghdin jitolbu ritrattazzjoni.

2. Il-proceduri ta' ritrattazzjoni ma jistghux jintuzaw minflok appell.

3. Il-preskrizzjoni ta' tlett (3) xhur skond l-Artikolu 818(1) tal-Kap. 12.

4. It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

5. Ma kien hemm l-ebda qerq skond l-Artikolu 811(a) tal-Kap. 12 u m'hemmx l-elementi mehtiega skond l-Artikolu 811(k) tal-Kap. 12 in kwantu l-kuntratt tal-14 ta' April 1995 m'huwiex dokument deciziv u f'kull kaz l-atturi kienu jafu bih jew setghu jkunu jafu bih.

Rat l-atti tas-subbasta fl-ismijiet **Cranes & Commercials Sales Limited vs Mario Muscat proprio et nomine** (numru 16/1999).

Rat l-atti tal-kawza **Bank of Valletta plc vs Mario Muscat** (Cit. numru 227/97) deciza fil-5 ta' Dicembru 1997.

Rat l-atti tal-kawza **Bank of Valletta plc vs Mario Muscat et** (Cit. numru 76/2002) deciza minn din il-Qorti fis-27 ta' Jannar 2005.

Rat l-atti tal-kawza **Peter Muscat et vs Cranes & Commercial Sales Ltd et** (Cit. numru 43/2005) li ghadha pendenti quddiem din il-Qorti kif presjeduta.

Rat l-atti tal-kawza **Peter Muscat et vs Mario Muscat et** (Cit. numru: 57/2005AE) li wkoll qeghda tigi deciza llum.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Dicembru 2007 minn fejn jirrizulta li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:-

1. Il-Qorti ser tibda biex taghti provvedimenti ghar-rikorsi li pprezentaw ir-ritrattandi:-

(a) **Fid-29 ta' Frar 2008 (fol. 116)**:- permezz ta' dan ir-rikors ir-ritrattandi talbu li jigu awtorizzati jipprezentaw affidavit li ghamel l-avukat Dr. Simon Tortell. Fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2007 (fol. 113), ir-ritrattandi ddikjaraw li ma kellhomx iktar provi x'iressqu. Inoltre, din il-kawza ilha pendenti sa mill-21 ta' Gunju 2005 u ghalhekk ir-ritrattandi kellhom kull opportunita' li jressqu l-provi li riedu fl-istadju opportun. F'kull kaz ix-xhieda ta' Dr. Simon Tortelli tittratta dwar kif sar jaf bil-kuntratt li sar fil-15 ta' April 1999 fl-atti tan-nutar Dr. Carmel Mangion li jittratta dwar bejgh ta' *cabin cruiser* minn Mario Muscat lil Cranes & Commercial Sales Limited (qabel J. Cassar Commercial Plants Sales Limited), wara li f'Mejju 2005 kien mar ghandu r-ritrattand. Min-naha tieghu Peter Muscat ikkonferma fid-dikjarazzjoni guramentata li kien Dr. Simon Tortell li nfurmah li kienu saru zewg kuntratti[1]. Fatt li ma giex kontestat u lanqas tressqu xi provi kuntrarji ghalih min-naha tar-ritrattati. Ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti qeghda tichad it-talba tar-ritrattandi.

(b) **Fit-22 ta' April 2008 mir-ritrattand Peter Muscat (fol. 120)**: li permezz tieghu talab li l-Qorti tordna li jigu allegati l-atti tal-procedura tas-subbasta numru 16/99 u sabiex jigi awtorizzat jipprezenta n-nota ta' sottomissjonijiet li pprezenta flimkien mar-rikors. Id-difensur tar-ritrattat Mario Muscat ghamel visto fuq ir-rikors. Dwar l-atti tas-subbasta numru 16/99 din il-Qorti minn qabel sar ir-rikors kienet ser tiehu konjizzjoni taghhom in kwantu saret riferenza ghalihom f'dawn il-proceduri u tqies li hu floku li taghmel hekk sabiex tifhem ahjar dan il-kaz u tiddecidi. Il-Qorti ghandha kull dritt li tara u tirreferi ghall-atti tas-subbasta numru 16/99 li r-ritrattandi ghamlu riferenza ghalihom li wara kollox huma atti gudizzjarji, pero' ma tarax il-htiega li tordna li jigu allegati l-istess atti ma' l-atti ta' dawn il-proceduri. Fir-rigward tan-

[1] Ara wkoll affidavit li ghamel **Peter Paul Muscat fil-kawza Peter Muscat et vs Cranes & Commercial Sales Ltd et** (Cit. numru 43/2005) fejn irrakkonta meta u kif sar jaf li fil-15 ta' April 1995 kienu gew pubblikati zewg kuntratti min-nutar Carmel Mangion, wiehed minnhom kien tal-cabin cruiser (ara fol. 91).

nota ta' sottomissjonijiet, skond il-verbal tal-11 ta' Dicembru 2007, ir-ritrattandi nghataw sal-15 ta' Frar 2008 sabiex jipprezentaw din in-nota. Ma jkunx gust mar-ritrattati li l-Qorti tilqa' t-talba tar-ritrattandi u fl-istess hin ir-ritrattati ma jkollhomx l-opportunita' sabiex iwiegbu mehud in konsiderazzjoni li r-rikors gie prezentat daqstant vicin id-data tas-sentenza. Il-Qorti lanqas ma tqies li hu opportun li tiddiferixxi l-ghoti tas-sentenza ghal data ohra. Ghalhekk fic-cirkostanzi qeghda tichad it-talbiet tar-ritrattandi.

2. Il-fatti rilevanti huma s-segwenti:-

(a) Permezz ta' sentenza li nghatat minn din il-Qorti fil-5 ta' Dicembru 1997 fil-kawza **Bank of Valletta Ltd vs Mario Muscat** (Cit. nru:- 127/1997)[2], il-konvenut gie kkundannat ihallas lill-bank is-somma ta' mija u disgha u ghoxrin elf mitejn u sittin lira Maltija u hamsa u hamsin centezmu (Lm129,260.55) bl-imghax mill-11 ta' Novembru 1997 sad-data tal-pagament effettiv. Dan wara li b'att pubbliku datat 14 ta' Mejju 1997 fl-atti tan-nutar Michael Refalo, Mario Muscat iddikjara li hu debitur tal-bank fl-ammont ta' mija u tlieta u ghoxrin elf disgha mija u sitta u sittin lira Maltija u hames centezmi (Lm123,966.05). F'dak il-kuntratt saret ukoll dikjarazzjoni fis-sens li *"Parties hereto do hereby declare for all intents and purposes of law that **these amounts are the total amounts due by the Customer to the Bank up to today and represent the total outstanding amount resulting from the aforesaid deed of Loan**[3] and that therefore this deed shall be deemed to constitute an acknowledgement of the existing debt and shall in no way substitute or replace the aforementioned deeds"*.

(b) Permezz ta' rikors prezentat fis-6 ta' Mejju 1999 minn **Cranes & Commercial Sales Limited vs Mario**

[2] Prezentata fit-12 ta' Novembru 1997.
[3] Kuntratt datat 15 ta' April 1995 fl-atti tan-nutar Dr. Carmel Mangion li bih Mario Muscat inghata self fl-ammont ta' mija u tletin elf lira Maltija (Lm130,000) (fol. 24-33) fejn jinghad li Lm95 inghataw b'self ghax-xiri tal-fond u s-somma ta' Lm35,000 biex titlesta l-kostruzzjoni. Bhala garanzija nghatat ipoteka generali u ipoteka specjali fuq l-istess proprjeta'.

**Muscat f'ismu proprju u f'isem il-kumpannija Muscat Marine Limited** (Rikors numru 16/99), saret talba ghall-bejgh bl-irkant tal-fond (bungalow) u garaxx u l-art li ticcirkondaha maghrufa bhala Tal-Gudja sive Tal-Kanura, fl-inhawi tal-Gormos, limiti ta' Had Dingli, Malta tal-kejl ta' cirka 10,116 metri kwadri. Proprjeta' li nxtrat minn Mario Muscat b'kuntratt pubblikat fil-15 ta' April 1995 fl-atti tan-nutar Dr. Carmel Mangion (fol. 24) minghand J. Cassar Commercial Plant Sales Limited (wara bidlet isimha ghal Cranes and Commercial Sales Limited). Is-socjeta rikorrenti ghamlet din it-talba fuq il-premessa li hi kreditrici ta' Mario Muscat skond kuntratt pubbliku tal-5 ta' Mejju 1997 fl-atti tan-nutar Peter Fleri Soler. Permezz ta' l-imsemmi kuntratt Mario Muscat proprio kkostitwixxa ruhu veru, cert u likwidu debitur tal-kumpannija Cranes and Commercial Sales Limited fl-ammont ta' tmenin elf erba' mija tnejn u disghin lira Maltija u sitta u hamsin centezmu (Lm80,492.56). Fil-kuntratt jinghad li s-somma ta' sebghin elf lira Maltija (Lm70,000) hi somma li thallset skond att tan-Nutar Dottor Carmel Mangion tal-15 ta' April 1995 *"bhala prezz ta' cabin cruiser li kellu jinbena mid-debitur fuq inkarigu tal-kumpannija kreditrici u konsenjat sat-tletin (30) ta' Awissu ta' l-istess sena 1995, liema konsenja pero' baqghet ma saritx"*. Inghad ukoll li l-ammont kellu jithallas lura lil Cranes and Commercial Sales Limited mhux iktar tard minn 10 xhur minn dakinhar u bl-imghax ta' 8% kull sena. Il-kumpannija Muscat Marine Limited, ikkostitwit ruhha bhala garanti. Fil-kuntratt gie premess li bil-kuntratt tal-15 ta' April 1995 Mario Muscat *"biegh u ttrasferixxa lill-komparenti Joseph Cassar il-cabin cruiser bil-prezz ta' sebghin elf lira Maltija (Lm70,000)* ***liema somma thallset qabel l-ahhar ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u erbgha u disghin****"* (enfazi tal-Qorti).

(c) B'digriet li nghata fl-4 ta' Lulju 2000 wara rikors li sar minn Cranes & Commercial Sales Limited fit-22 ta' Gunju 2000, il-Qorti ordnat il-bejgh tal-proprjeta' bl-irkant ghat-Tnejn 26 ta' Marzu 2001 mid-9.00 a.m. sa 12.00 p.m.

(d) B'digriet moghti fis-6 ta' Marzu 2001 il-Qorti laqghet it-talba tal-Bank of Valletta plc sabiex jaghmel offerti

*animo compensandi*[4]. Dan wara li permezz ta' nota l-Bank of Valletta plc dahal parti fl-irkant in kwantu ddikjarat li kien kreditur ta' Mario Muscat fl-ammont ta' mija u disgha u ghoxrin elf mitejn u sittin lira Maltija u hamsa u hamsin centezmu (Lm129,260.55) skond is-sentenza fuq imsemmija.

(e) L-irkant sar fis-26 ta' Marzu 2001. Fil-perjodu tal-kwindena saret offerta gdida u giet appuntata d-data tal-10 ta' Dicembru 2001 mid-9.00 sa 12.00 p.m. ghall-ahhar liberazzjoni.

(f) Fl-10 ta' Dicembru 2001 il-proprjeta' giet liberata favur Bank of Valletta plc ghall-prezz ta' mija u hdax-il elef lira Maltija (Lm111,000) li jirrizulta li ghamel l-ahhar u l-ghola offerta. Fit-8 ta' Jannar 2002 il-bank pprezenta kopja tal-iskrizzjoni tal-ipoteka (generali u specjali) u privilegg li kienet tirreferi ghas-self li nghata lil Mario Muscat bil-kuntratt tal-15 ta' April 1995 fl-atti tan-nutar Dr. Carmel Mangion fl-ammont ta' mija u tletin elf lira Maltija (Lm130,000).

(g) B'digriet moghti fis-7 ta' Marzu 2002, il-Qorti laqghet rikors li ghamel il-Bank of Valletta plc fis-17 ta' Dicembru 2001 sabiex ***"tapprova c-cedola ta' kompensazzjoni u ta' depozitu u cioe' it-tpacija tal-prezz tal-fond indikat ma' parti ugwali mill-kreditu ta' l-esponenti…."***.

(h) Permezz ta' citazzjoni prezentata fis-6 ta' Gunju 2002 fl-ismijiet **Peter Paul Muscat vs Mario Muscat proprio et nomine et** (Cit. numru 51/2002), fil-premessi r-ritrattand ghamel riferenza ghas-subbasta numru 16/99 u li l-kumpannija Cranes & Commercials Limited ghamlet rikors ghall-bejgh bl-irkant tal-proprjeta' *"….u dana ghall-kreditu hemm imsemmi fl-istess rikors"*. F'din il-kawza l-attur talab li l-Qorti tiddikjara li l-proprjeta' kienet inxtrat f'isem Mario Muscat bhala prestanome tieghu u talab ukoll sabiex il-Qorti tannulla u tiddikjara bla effett is-subbasta fl-

[4] Rikors li sar fil-5 ta' Marzu 2001.

ismijiet **Cranes & Commercial Sales Limited vs Mario Muscat proprio et nomine** (16/99).

(i) Permezz ta’ citazzjoni prezentata fis-26 ta’ Lulju 2002 fl-ismijiet **Bank of Valletta plc vs Mario Muscat, Peter u Valeri konjugi Muscat** (Cit. numru 76/2002), il-bank talab li jigi dikjarat li l-konvenuti qeghdin jokkupaw il-fond u art li ticcirkondaha maghrufa bhala Tal-Gudja sive Tal-Kanura, fl-inhawi tal-Gormos, limiti ta’ Had Dingli, Malta tal-kejl ta’ cirka 10,116 metri kwadri u li l-Qorti tordna l-izgumbrament mill-istess proprjeta’. Il-kawzali hi li l-proprjeta’ kienet giet liberata f’bejgh bl-irkant li kien sar fl-ismijiet **Cranes and Commercial Sales Limited vs Mario Muscat proprio et nomine** (16/1999), liema bejgh kien gie insinwat permezz ta’ nota ta’ insinwa numru 614/2001. Fic-citazzjoni l-bank ippremetta li hu kien akkwista l-proprjeta’ wara li saret il-liberazzjoni fl-atti tas-subbasta numru 16/99. Permezz ta’ nota ta’ l-eccezzjonijiet prezentata mill-konvenuti fit-23 ta’ Dicembru 2002, fl-ewwel lok eccepew li kien hemm kawza fl-ismijiet **Peter Paul Muscat vs Mario Muscat et (Cit. nru: 51/2002)** *“f’liema kawza qeghda tigi attakata s-subbasta numru 16/99 fl-ismijiet Cranes & Commercial Sales Ltd. Vs Mario Muscat pro. et noe et” li in forza taghha gie liberat il-fond de quo favur l-atturi”*. Fid-dikjarazzjoni guramentata l-konvenut rega’ ghamel riferenza ghall-proceduri ta’ subbasta u kif saret il-liberazzjoni favur Bank of Valletta plc. Permezz ta’ sentenza li nghatat fis-27 ta’ Jannar 2005 il-Qorti ddikjarat li l-konvenuti qeghdin jokkupaw il-proprjeta’ minghajr titolu u ***“konsegwentement tordna l-izgumbrament taghhom mill-istess proprjeta’ u dana fi zmien tliet (3) xhur mil-lum”***. Minn din is-sentenza ma sarx appell.

(j) Permezz ta’ sentenza li nghatat fit-28 ta’ Settembru 2007 mill-Qorti ta’ l-Appell fil-kawza **Peter Paul Muscat vs Mario Muscat proprio et nomine et** (Cit. numru 51/2002), il-Qorti kkonfermat is-sentenza ta’ l-ewwel Qorti tas-27 ta’ Jannar 2005 li biha cahdet it-talba ta’ Peter Paul Muscat sabiex jigi dikjarat li l-proprjeta’ li nbieghet bis-subbasta *“hija proprjeta’ ta’ l-attur Peter Muscat ghaliex giet akkwistata fl-isem u fl-interess ta’ l-istess attur u bhala*

*presta nome tieghu”*. Il-Qorti ta’ l-Appell fost konsiderazzjonijiet ohra li ghamlet, qalet li: *“Din il-Qorti, fliet bir-reqqa l-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti, u fil-fehma taghha dik il-Qorti ghamlet apprezzament tajjeb tal-fatti u tal-provi migbura minnha u kienet gusta fil-konsiderazzjonijiet taghha. Meta l-attur iddecieda li jintavola din il-kawza, huwa ghabba lilu nnifsu bil-piz li jipprova b’mod sodisfacenti l-allegazzjonijiet tieghu kontenuti fl-att tac-citazzjoni.* ***In effetti l-allegazzjoni ta’ l-attur li huh il-konvenut kien deher ghalih fuq il-kuntratt ta’ bejgh tal-fond in kwistjoni, ma gietx ipprovata sodisfacentement”***[5] (enfazi tal-Qorti). Illum is-sentenza hi gudikat.

3. Ir-ritrattati qeghdin isostnu li dawn il-proceduri saru meta l-procedura kellha tkun li r-ritrattandi jappellaw mis-sentenza li nghatat fis-27 ta’ Jannar 2005 u mhux jaghmlu talba ghal smigh mill-gdid. Il-procedura ta’ ritrattazzjoni tapplika wkoll minn sentenzi ta’ qorti ta’ l-ewwel grad, ghalkemm hi rimedju straordinarju. Skond l-Artikolu 812 tal-Kap. 12:

> **812.** Ir-ritrattazzjoni ta’ kawża deċiża b’sentenza mogħtija minn qorti ta’ l-ewwel grad, u li għaddiet f’ġudikat, tista’ tingħata wkoll, fuq talba tal-partijiet li jkollhom interess, f’kull wieħed mill-każijiet imsemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan, basta li l-parti tkun ġiet taf bil-fatti illi minħabba fihom titlob ir-ritrattazzjoni, wara li jkun għalaq iż-żmien ta’ l-appell.

Il-bazi tar-ritrattazzjoni hu l-kuntratt tal-14 ta’ April 1995 fl-atti tan-nutar Carmel Mangion (fol. 41), kuntratt li r-ritrattand xehed li sar jaf bih meta rrefera il-kaz ghand l-avukat Dr. Simon Tortell taghhom (f’Mejju 2005). Fil-fatt permezz ta’ ittra datata 10 ta’ Mejju 2005 (fol. 14) indirizzata lin-nutar Dr. Carmel Mangion, l-avukat Tortell talab li r-ritrattand jinghata kopja taz-zewg kuntratti li gew pubblikati fil-15 ta’ April 1995. F’dan ir-rigward ir-ritrattati ma ressqux provi sabiex jikkontradicu dak li qal ir-

[5] Fol. 259 tas-sentenza.

ritrattand, u lanqas sarulu domandi in kontro-ezami[6]. Hu evidenti li f'dan iz-zmien kien diga' ghadda l-perjodu sabiex ir-ritrattandi jaghmlu appell mis-sentenza li nghatat fis-27 ta' Jannar 2005. Jekk kienx possibbli ghar-ritrattandi li jsiru jafu b'dan il-kuntratt hi kwistjoni ohra li ser tigi kunsidrata iktar 'il quddiem fis-sentenza.

In oltre l-fatt li ma jkunx hemm bazi ta' ritrattazzjoni ma jfissirx b'daqshekk li c-citazzjoni hi frivola u vessatorja. Wara li rat l-atti kollha l-Qorti m'hijiex tal-istess fehma tal-bank ritrattat li dawn il-proceduri huma frivoli u vessatorji, minkejja dak li ser jinghad iktar 'il quddiem dwar l-ilmenti tar-ritrattandi.

4. Ghal dak li jirrigwarda l-eccezzjoni numru tlieta (3) tal-bank ritrattat, fl-ewwel lok jigi rilevat li t-terminu hu wiehed ta' dekadenza u mhux ta' preskrizzjoni kif dikjarat mill-bank; *"il termine di sei mesi (illum, tliet xhur) accordato dalla legge per domandare la ritrattazione di una sentenza, e` termine per agire; e quindi il suo trascorrimento importa la decadenza, ove entro lo stesso non si fosse proposta la domanda; e quindi ancora tale termine non e`, come nel caso di prescrizione, rinnovabile per interruzione"* [**Can. Francesco Azzopardi –vs- Francesco Galea**", Appell Kummercjali, 17 ta' Frar 1876 (**Vol VII pag 526**)]. It-terminu ta' tlett (3) xhur fil-kaz ta' ritrattazzjoni imsemmija fil-paragrafi (a) u (k), jiddekorri *"mill-gurnata li fiha jinkixef il-qerq, jew jinsab id-dokument"*. Ghalkemm hu minnu li l-kawza giet deciza fis-27 ta' Jannar 2005, mill-provi jidher li kien f'Mejju 2005 li r-ritrattandi saru jafu bil-kuntratt tal-14 ta' Mejju 1995 (f'dan l-istadju m'huwiex rilevanti jekk setghux isiru jafu bih qabel). L-atturi qeghdin isostnu li dan il-kuntratt kien dokument deciziv u li kien gie mohbi mill-Qorti. F'dan l-istadju minghajr ma wiehed jittratta l-mertu tal-kwistjoni, hu evidenti li fid-data li giet prezentata l-kawza ta' ritrattazzjoni kien ghadu ma ddekorrix it-terminu.

---

[6] Ara kawza **Peter Muscat et vs Cranes & Commercial Sales Ltd et** (Cit numru 43/2005) pendenti quddiem din il-Qorti kif presjeduta.

5. Kif rajna, permezz ta' dawn il-proceduri l-atturi qeghdin jitolbu r-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet **Bank of Valletta plc vs Mario Muscat et** (Cit. numru 76/2002) deciza fis-27 ta' Jannar 2005 ai termini tal-Artikolu 811(a) u (k) tal-Kap. 12:-

*"(a) jekk is-sentenza tkun ittiehdet bil-qerq ta' wahda mill-partijiet bi hsara ta' l-ohra"*.

*"(k) jekk, wara s-sentenza, ikun instab dokument deciziv, u li l-parti li ggibu ma kinitx taf bih, inkella, illi , bil-mezzi li taghti l-ligi, ma setghatx iggibu, qabel dik is-sentenza"*.

Il-principji principali ta' din il-procedura huma dawk dikjarati mill-Qorti ta' l-Appell[7] fil-kawza **Sales International Limited vs MAC Limited et** deciza fis-7 ta' Lulju 2003:-

*"(a) ir-rimedju konsentit minn dan l-istitut huwa ta' natura straordinarja ("**Dr. Paul Mallia nomine –vs- Vincenza xebba Camilleri**", Appell Civili, 2 ta' Lulju 1975),*
*(b) regolat minn interpretazzjoni strettissima "**Rev. Sac. Dun Giuseppe Aquilina –vs- Francesco Aquilina**", Appell Civili, 18 ta' April 1958),*
*(c) "non suscettibile di una estensiva ma della sola letterale" ("**Arthur Micallef –vs- Maria Dolores Vella et**", Prim'Awla, Qorti Civili, 25 ta' Gunju 1910)"*.

6. Ghal dik li hi ritrattazzjoni fuq ir-raguni li wara s-sentenza nstab dokument deciziv (Artikolu 811(k) tal-Kap. 12), mill-premessi tac-citazzjoni jirrizulta li dan id-dokument hu kuntratt li gie ppubblikat min-nutar Dr. Carmel Mangion fil-15 ta' April 1995 (fol. 15). F'dan il-kuntratt Mario Muscat biegh lill-kumpannija J. Cassar Commercial Plants Sales Limited *cabin cruiser* ghall-prezz ta' sebghin elf lira Maltija (Lm70,000) *"liema somma l-kumpratur gia hallas lill-venditur li jikkonferma u jhalli*

[7] Imhallef P. Sciberras.

*debita ricevuta tal-prezz intier. Ghal kull buon fini, qed jigi ddikjarat illi l-prezz thallas qabel l-ahhar ta' Novembru elf disa' mija u erbgha u disghin (1994)"* (fol. 16). Mario Muscat obbliga ruhu li jikkonsenja d-dghajsa mhux iktar tard mit-30 ta' Awwissu 1995, u li jekk jonqos milli jikkonsenja d-dghajsa fid-data miftehma jkollu jhallas lura l-flus li rcieva bhala prezz. In garanzija tal-hlas lura giet iskritta ipoteka generali. L-argument tar-ritrattandi hu li l-imsemmi kuntratt hu simulat in kwantu qatt ma sar negozju ta' bejgh ta' *cabin cruiser* u li dak il-kuntratt kien *"…. Sar biex jikkawtela lil Cranes and Commercial Salest Ltd. ghall-bilanc tal-prezz tal-immobbli f'Had Dingli"*[8]. Ir-ritrattandi jsostnu li dan il-kuntratt wassal sabiex il-proprjeta' fuq imsemmija tinbiegh bis-subbasta u saru jafu bih biss wara li nghatat is-sentenza fil-kawza **Bank of Valletta plc vs Mario Muscat, Peter u Valeri konjugi Muscat** (Cit. numru 76/2002) deciza fis-27 ta' Jannar 2005.

Din il-Qorti kif presjeduta diga' kellha opportunita' li tikkunsidra l-Artikolu 811(k) tal-Kap. 12 fil-kawza **Agnes Zammit vs Joseph Xuereb et** deciza fl-1 ta' April 2008. Utli ferm ukoll hi s-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza **Anthony Agius Gilbert et vs Peter Cassar Torregiani** deciza fis-6 ta' Ottubru 2004, fejn hemm rassenja tal-gurisprudenza dwar l-interpretazzjoni ta' dan il-provvediment. Bhala principji saljenti jistghu jissemmew is-segwenti:-

(a) Id-dokument irid ikun tali li necessarjament kien iwassal ghal soluzzjoni differenti tal-kawza, u mhux bizzejjed li d-dokument seta' jservi bhala element gdid ta' prova;

(b) Irid ikun difficli hafna jew impossibbli li d-dokument jingieb fl-ewwel process;

(c) Ir-ritrattand irid jipprova mhux biss li ma kienx jaf bl-ezistenza tad-dokument, imma wkoll li uza l-hila kollha, jew ghallinqas diligenza ta' *bonus pater familias*

---

[8] Ara premessi tac-citazzjoni.

biex isir jaf bih, u jipprezentah meta suppost. L-iskop tal-legislatur kien sabiex ma jatix lok li persuna tista' tipproponi kawza ohra meta b'diligenza ragonevoli seta' jiskopri l-esistenza tad-dokument.

Mill-provi rajna kif ma jista' jkun hemm l-ebda dubju li r-ritrattandi **kienu jafu** bil-proceduri ta' subbasta numru 16/1999. Proceduri li l-bank ritrattat ghamel riferenza ghalihom fil-kawza li taghha qeghda tintalab ir-ritrattazzjoni[9], kif wara kollox ghamlu wkoll riferenza ghalihom ir-ritrattandi fin-nota ta' l-eccezzjonijiet li kienu pprezentaw fit-23 ta' Dicembru 2002[10]. Rilevanti wkoll hu li fil-kawza fl-ismijiet **Peter Paul Muscat vs Mario Muscat proprio et nomine et** (Cit. numru 51/2002) prezentata fis-6 ta' Gunju 2002 ir-ritrattandi kkontestaw il-validita' tal-bejgh tal-irkant numru 16/1999 pero' ghaliex ippremettew li l-proprjeta' li nbieghet kienet inxtrat minn Mario Muscat bhala prestanome. Anness mar-rikors prezentat minn Cranes & Commercials Sales Limited fis-6 ta' Mejju 1999[11] li fih talbu l-bejgh bl-irkant tal-proprjeta', hemm kopja tal-att pubbliku datat 5 ta' Mejju 1997 fl-atti tan-nutar Peter Paul Fleri Soler. Fl-ewwel faccata ta' dan il-kuntratt hemm riferenza ghall-kuntratt li r-ritrattandi qeghdin isostnu li hu d-dokument deciziv ghal finijiet ta' l-Artikolu 811(k) tal-Kap. 12, cjoe' l-kuntratt tal-15 ta' April 1995 fl-atti tan-Nutar Carmel Mangion. Apparti l-fatt li t-talba ghall-bejgh bl-irkant tal-proprjeta' saret mill-kumpannija Cranes & Commercials Sales Limited in forza tat-titolu ezekuttiv li kien il-kuntratt tal-5 ta' Mejju 1997 atti nutar Dr. Peter Fleri Soler u mhux tal-kuntratt tal-15 ta' April 1995 atti nutar Dr. Carmel Mangion, ma kien hemm l-ebda ostakolu ghar-ritrattandi li jiskopru dan id-dokument fi zmien utli meta tista' tghid kienet ghadha fl-istadju inizjali l-kawza **Bank of Valletta plc vs Mario Muscat et** (Cit. numru: 76/2002). Dan iktar u iktar meta 'il fuq minn xahar qabel Bank of Valletta plc ipprezenta din il-kawza, ir-

[9] Ara citazzjoni u dikjarazzjoni guramentata fil-kawza **Bank of Valletta plc vs Mario Muscat et** (Cit. numru:- 76/2002).

[10] Ara nota ta' l-eccezzjonijiet u dikjarazzjoni guramentata (fol. 28-29) li saret fil-kawza **Bank of Valletta plc vs Mario Muscat et** (Cit. numru:- 76/2002).

[11] **Cranes & Commercial Sales Limited vs Mario Muscat proprio et nomine** (Subbasta numru 16/99).

ritrattand stess kien ghamel kawza[12] fejn impunja l-validita' tas-subbasta numru 16/99 minhabba li kien qieghed isostni li l-proprjeta' nxtrat minn Mario Muscat bhala *prestanome* tieghu. Il-fatt li fid-dikjarazzjoni guramentata r-ritrattand qal: *"Jizdied li kien l-avukat sottoskritt li fl-10 ta' Mejju 2005, wara li gie mitlub minn Peter Muscat biex jipprova jghinnu, induna mill-karti quddieum li bilfors kien hemm kuntratt iehor, li ma kienx esebit. Induna ukoll illi dak il-kuntratt kien inzamm mohbi mill-qorti f'kull procedura li saret"* (fol. 10), ma jfissirx li kienu fl-impossibilta' li jiskopruh. M'huwiex kontestat li r-ritrattandi ma kienux parti fil-proceduri ta' subbasta numru 16/1999, pero' madankollu kienu jafu li l-proprjeta' nbieghet b'rizultat ta' dan il-process. Qabel inghatat is-sentenza fis-27 ta' Jannar 2005, kellhom l-opportunita' u c-cans kollu li jaraw sew l-atti tas-subbasta. M'hijiex gustifikazzjoni li d-dokument sar jaf bih l-avukat attwali wara li ra l-atti tas-subbasta numru 16/99. Kif ir-ritrattandi saru jafu bid-dokument wara li bidlu l-avukat, setghu facilment isiru jafu bih qabel billi jaraw l-atti tas-subbasta. Wiehed lanqas ma jrid jinsa li l-avukat hu l-mandatarju ta' min jinkarigah. Ghaldaqstant, ghalkemm ir-ritrattandi setghu ma kienux jafu bl-ezistenza tad-dokument tant li lanqas kienu parti ghalih, ma jirrizultax li uzaw il-hila taghhom jew ghallinqas li mxew bhala *bonus paterfamilias* sabiex isiru jafu bid-dokument u jressquh 'il quddiem fl-istadju meta kien imissu. Kieku r-ritrattandi kkonducew, kif kellhom jaghmlu u kien fl-interess taghhom li jaghmlu, indagni serja u f'waqtha tal-atti tas-subbasta d-dokument kien facilment isiru jafu bih. Proceduri li fl-ahhar mill-ahhar waslu sabiex tinbiegh il-proprjeta' li r-ritrattandi jsostnu li nxtrat minn Mario Muscat bhala *prestanome* taghhom u liema subbasta giet kontestata fi proceduri separati li r-ritrattand ghamel fl-istess zmien li giet intavolata l-kawza li taghha qieghed jintalab is-smigh gdid. Ghalhekk kien iktar u iktar fl-interess taghhom li fiz-zmien propizju jizguraw li r-ricerka ssir sew, u certament il-mod kif agixxew ma kienx proporzjonat ghall-interess li jghidu li kellhom. Indagni li messha saret tlett snin qabel (ghallinqas zgur wara li r-ritrattandi gew notifikati bl-ittra ufficjali prezentata

[12] **Peter Paul Muscat vs Mario Muscat proprio et nomine et** (Cit. numru 51/2002).

mill-bank ritrattat fis-17 ta’ April 2002 li biha nterpellawhom sabiex jivvakaw mill-fond li l-bank kien akkwista fl-10 ta’ Dicembru 2001 permezz ta’ subbasta[13]). Hi flokha l-osservazzjoni li ghamlet il-Qorti ta’ l-Appell f’sentenza moghtija fl-24 ta’ Jannar 1997 fil-kawza **Carmel Busuttil vs Mary Gauci et**: *“Mhux bizzejjed allura li jigi pruvat li r-ritrattand kien f-limpossibilita` li jipproduci d-dokument. Irid ukoll jissodisfa lill-Qorti illi hu kien ipprova jakkwistah bil-mezzi kollha a disposizzjoni tieghu”.* Il-Qorti lanqas ma tista’ taqbel ma’ xi argument fis-sens li d-dokument in kwistjoni inzamm mohbi u li r-ritrattandi ma kellhomx il-mezzi li jsiru jafu bih fi zmien utli. Ir-riferenza ghall-kuntratt tinsab f’atti tas-subbasta li ghalkemm ir-ritrattandi ma kienux parti fihom kienu accessibbli ghalihom. Lanqas ma jista’ jinghad li wiehed seta’ facilment jikkonfondi l-kuntratt ta’ xiri tal-immobbli (li ukoll sar fil-15 ta’ April 1995 fl-atti tan-nutar Carmel Mangion) mal-kuntratt in kwistjoni li wkoll gie ppubblikat fl-istess data u mill-istess nutar. Dan in kwantu fil-kuntratt anness mar-rikors li pprezentat Cranes & Commercials Sales Limited ghall-bejgh bl-irkant tal-prorjeta’ (cjoe’ dak tal-5 ta’ Mejju 1997 atti nutar Peter Fleri Soler), jinghad fil-premessi li l-kuntratt li r-ritrattandi qeghdin ighidu li hu dokument deciziv kien dwar bejgh ta’ *cabin cruiser* ghall-prezz ta’ sebghin elf lira Maltija (Lm70,000). Fil-kuntratt ta’ bejgh tal-fond ma jissemma l-ebda *cabin cruiser* u ghalhekk kien altru milli evidenti li dakinhar gew pubblikati zewg kuntratti.

Bla pregudizzju ghal dak li nghad, konsiderazzjoni ohra hi dwar jekk il-kuntratt tal-15 ta’ April 1995 fl-atti tan-nutar Dr. Carmel Mangion (fol. 15) jikkwalifikax bhala dokument deciziv. Hu minnu li l-kuntratt tal-15 ta’ April 1995 fl-atti tan-nutar Carmel Mangion ma giex prezentat fil-kawza li taghha qieghed jintalab is-smigh gdid. Pero’ anke kieku gie prezentat il-Qorti ma tarax li b’xi mod kien ser jeffetwa l-ezitu tal-kawza **Bank of Valletta plc vs Mario Muscat** et (Cit. numru: 76/2002), liema kawza saret wara li l-bank kien diga’ sar proprjetarju tal-fond ghaliex xtraha permezz

---

[13] Ara fol. 45 tal-kawza **Bank of Valletta plc vs Mario Muscat et** (Cit. numru 76/2002). Jirrizulta li l-ittra ufficjali giet notifikata **fid-19 ta’ April 2002**.

u saret il-liberazzjoni favur tieghu. Il-kuntratt ighid li jghid, u billi kien jigi prezentat bhala prova ma seta’ qatt ivarja d-decizjoni tal-Qorti b’riferenza ghat-talbiet u l-eccezzjonijiet li saru mill-kontendenti. Il-qofol tal-kwistjoni kien dwar jekk ir-ritrattandi u Mario Muscat kellhomx titolu fuq il-proprjeta’ in kwistjoni. Il-kuntratt tal-15 ta’ April 1995 fl-atti tan-nutar Carmel Mangion ikkunsidrat flimkien mal-provi l-ohra ma kien jaghti l-ebda titolu lir-ritrattandi jew lil Mario Muscat. Il-provi li kellha quddiemha il-Qorti kien li l-bank kien il-proprjetarju. Inoltre, il-kawza ma kienitx titratta l-validita’ o meno tal-atti tas-subbasta numru 16/99 u/jew kienx hemm simulazzjoni fil-kuntratt in kwistjoni. Dan apparti l-fatt li rajna wkoll li t-talba originali ghall-bejgh bl-irkant li saret mill-kumpannija Cranes and Commercial Sales Ltd saret fuq it-titolu ezekuttiv li kien il-kuntratt tal-5 ta’ Mejju 1997 fl-atti tan-nutar Peter Fleri Soler (fol. 19-21). Kif rajna, sabiex tkun tista’ ssehh ritrattazzjoni fuq dan il-kap jehtieg li s-sahha tad-dokument bhala prova tkun determinanti fuq il-qofol tal-kwistjoni li tkun giet mistharrga fl-ewwel process fis-sens li twassal ghal soluzzjoni differenti tal-kawza. Lanqas ma jista’ jghid li dak id-dokument kien ser ighin fid-definizzjoni tal-kontroversja. Sa dak l-istadju ma kien hemm l-ebda proceduri li fihom kien qieghed jigi kkontestat il-validita’ tal-kuntratt, apparti l-fatt li anke fl-imsemmija kawza ir-ritrattandi naqsu milli jressqu kwalsiasi provi minkejja l-opportunitajiet ripetuti li tathom il-Qorti. Inoltre, wara s-sentenza li nghatat mill-Qorti ta’ l-Appell fit-28 ta’ Settembru 2007 (fol. 84) fil-kawza **Peter Paul Muscat vs Mario Muscat proprio et nomine et** li kkonfermat li l-fond inxtara minn Mario Muscat fl-interess personali tieghu, il-kuntratt li r-ritrattandi qeghdin ighidu li hu deciziv ma jista’ bl-ebda mod ibiddel il-fatt li l-proprjeta’ hi ta’ Mario Muscat. Ghalhekk il-kuntratt tal-15 ta’ April 1995 fl-atti tan-nutar Dr. Carmel Mangion ma jistax jitqies li jista’ jkun qatt ta’ siwi sabiex iwassal ghal smigh mill-gdid tal-kawza fl-ismijiet **Bank of Valletta plc vs Mario Muscat et** (Cit. nruL 76/2002) deciza fis-27 ta’ Jannar 2005.

7. Fir-rigward tar-raguni l-ohra li fuqha r-ritrattandi qeghdin jitolbu smigh gdid tal-kawza, hu maghruf li l-qerq

irid ikun fil-kaz fejn **is-sentenza** ttiehdet bil-qerq u mhux fejn il-pretensjoni ta’ l-atturi fit-talba tkun originat minn agir delittwuz u qarrieqi fil-konfront tar-ritrattandi; *“Il-qerq allura jrid ikun qerq gudizzjarju, jigifieri inerenti mal-proceduri. Il-qerq, fi kliem iehor, irid ikun fil-proceduri li wasslu ghas-sentenza li jkun qed jintalab it-thassir taghha, u mhux jifforma l-meritu tal-kawza mismugha u deciza”* (**Herbert Baldacchino nomine vs Cecil Pace et** deciza fit-22 ta’ April 2004 mill-Qorti ta’ l-Appell). Fis-sentenza **Edward Cassar vs Francis Sammut** deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta’ Frar 2004, inghad: *“Ghar-rigward it-talba ta’ ritrattazzjoni bazata fuq qerq, tajjeb li jinghad li, originarjament, il-ligi kienet tippermetti ritrattazzjoni “se vi e’ stato dolo”, minghajr htiega li din tkun rizultat ta’ xi raggiri da parti f’kawza. Kien hemm il biza li, allura, dan il-paragrafu seta’ jintuza f’kaz ukoll ta’ “dolo reale, ossia in re ipsa, e derivante dalla lesione che venisse a soffrire col guidicato il soccombente nel caso di una ingustizia”, u allura dak il-paragrafu gie emendat biex jigi carat li r-ritrattazzjoni tista’ tintalab biss f’kaz ta’ “dolo personale” (ara “Theuma Castelletti vs Chetcuti” deciza minn din il-Qorti fit-3 ta’ Jannar, 1873; Vol.VI.345)”*. Fil-premessi tac-citazzjoni r-ritrattandi jsostnu li l-kuntratt tal-15 ta’ April 1995 fl-atti tan-nutar Carmel Mangion hu *“…. Qarrieqi ghaliex li kieku l-Qorti kienet taf bih ma kenitx tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha”*. Ir-ritrattandi jidhru li qeghdin jinsew li l-bank ma kienx parti ghall-imsemmi kuntratt, u x’seta’ wassal sabiex sar dak il-kuntratt m’huwiex rilevanti ghal finijiet tat-talba biex ikun hemm smigh gdid. X’riedu joholqu Mario Muscat u Joseph Cassar ta’ Cranes & Commercials Sales Limited bil-kuntratt tal-15 ta’ April 1995 fl-atti tan-nutar Carmel Mangion, hu ghal kollox irrilevanti ghall-ezitu ta’ dawn il-proceduri. Lanqas ma tressqu xi provi fis-sens li Bank of Valletta plc wettaq xi qerq fil-kors tal-kawza **Bank of Valletta plc vs Mario Muscat et** (Cit. numru 76/2002); *“il dolo da ingresso al rimedio di ritrattazzione solamento quando i raggiri usati da una delle parti sono stati tali che senza di essi l’altra parte non sarebbe stata condannata”* (**Giorgio Zonda –vs- Aristide Parthenis**[14], Qorti tal-Kummerc,

[14] Vol. XIV.219.

21 ta' Marzu 1894). Il-bank kien sar proprjetarju tal-immobbli wara li xtraha fis-subbasta, u ried li jiehu l-pussess tal-proprjeta'. Kien ghalhekk li ghamel il-kawza. M'hemmx dubju li l-ezercizzju li ghandu jsir fil-proceduri ta' ritrattazzjoni m'huwiex li l-Qorti tindaga jekk kienx hemm simulazzjoni (assoluta jew relativa) bejn il-kontraenti li kienu parti ghall-kuntratt tal-15 ta' April 1995 fl-atti tan-nutar Carmel Mangion. Fil-kawza fuq citata l-Qorti osservat *"che il dolo, siccome e' causa della nullita' di una convenzione quando I raggiri usati da uno dei contraenti sono stati tali che, senza di essi, l'altra parte non avrebbe contrattato, cosi' da ingresso al rimedio della ritrattazione, allorche' I raggiri usati da una delle parte sono stati tali che, senza di essi, la altra parte non sarebbe stata condannata"*. Mill-atti ma jirrizultax li kien hemm xi raggiri ezercitati min-naha tal-bank ritrattat jew li xi parti hbiet xi dokument. Inoltre, ghal dak li jikkoncerna Mario Muscat, kien baqa' kontumaci u fl-ebda stadju ma ghamel xi att pozittiv. Il-Qorti hi tal-fehma li anke li kieku dan id-dokument tressaq bhala prova, l-ezitu ma kienx ser ikun differenti in kwantu bic-citazzjoni u l-mod kif ir-ritrattandi ddefendew ruhhom, il-Qorti ma setatx tidhol fil-kwistjoni jekk il-kuntratt tal-15 ta' April 1997 kienx wiehed simulat. Dan apparti l-fatt li jekk kif qeghdin ighidu r-ritrattandi dan id-dokument kien ikun il-bazi tad-difiza taghhom ma kien hemm l-ebda ostakolu li kif saru jafu bih f'Mejju 2005 isiru jafu bih sa minn qabel ipprezentaw in-nota ta' l-eccezzjonijiet fil-kawza li jridu li tinstema' mill-gdid. Kif diga' nghad f'dik il-kawza ghalkemm il-Qorti tathom ukoll opportunita' jergghu jressqu provi wara li fis-seduta tal-15 ta' Gunju 2004 li saret quddiem l-Assistant Gudizzjarju kienu ddikjaraw li m'ghandhomx iktar provi x'iressqu u wara li l-kawza kienet diga' giet differita ghas-sentenza, ma sar xejn. Fil-fatt il-konvenuti ma ressqu l-ebda provi f'dik il-kawza. Fil-fehma tal-Qorti l-atti huma fihom infushom rifless tal-atteggjament tar-ritrattandi fiz-zmien rilevanti u li jkomplu jsahhu l-fehma tal-Qorti li dak li messu sar qabel sar snin wara.

8. B'mod supplimentari u bhala kummenti finali ikun utli li jissemma li:-

(a) Illum hemm gudikat[15] li jikkonferma li meta Mario Muscat xtara l-proprjeta’ kien qieghed jagixxi fl-interessi personali tieghu u mhux bhala *prestanome* tar-ritrattandi. Stat ta’ fatt li llum ma jista’ jibdlu hadd. F’dawn ic-cirkostanzi l-konkluzjoni hi wahda biss, li fis-subbasta numru 16/99 inbieghet proprjeta’ ta’ Mario Muscat u mhux tar-ritrattandi.

(b) Hu evidenti li l-Qorti ta’ l-Appell fis-sentenza li tat fit-28 ta’ Settembru 2007 hadet ukoll konjizzjoni tal-kuntratt tal-15 ta’ April 1995 (dwar il-cabin cruiser) u xorta waslet ghal konkluzjoni li r-ritrattand ma ***“pprovda ebda prova sostanzjali sabiex jipprova l-allegazzjoni tieghu, a bazi tal-provi prodotti quddiem il-Qorti ta’ l-ewwel grad, u din il-Qorti ghadha ta’ l-istess opinjoni anke wara li l-appellant ipprezenta quddiema l-kuntratt ghall-bejgh tal-cabin cruiser”*** (enfazi tal-Qorti - fol. 110-111). Inoltre osservat li l-ftehim kien li l-prezz ghax-xiri tal-immobbli kellhom *“…jithallsu permezz ta’ self ta’ Lm95,000 minghand is-socjeta Bank of Valletta plc u bit-tpartit ta’ cabin cruiser li kien jiswa Lm70,000”* (fol. 111). Ghalhekk m’hemmx dubju li l-kumpannija Cranes & Commercials Limited kienet kreditrici ta’ Mario Muscat gialadabra dan naqas mill-obbligazzjoni tieghu li jikkonsenja l-*cabin cruiser*.

(c) Kien x’kien l-iskop ghalfejn sar il-kuntratt dwar il-*cabin cruiser* (irrispettivament tal-fehma li kull wiehed minnha jista’ jkollu u liema kwistjoni ma tistax tigi trattata f’dawn il-proceduri) mhu ser ibiddel xejn mill-fatt li hemm gudikat tal-Qorti li Mario Muscat ma xtarax il-proprjeta’ bhala *prestanome* ta’ huh.

(d) Ir-ritrattand xehed li fis-subbasta numru 16/99 il-bank qatt ma esegwixxa fuq is-self moghti lil Mario Muscat fil-15 ta’ April 1995 u garantit bil-fond AMZ, Triq Buskett, Dingli izda *“il-proprjeta’ giet liberata favur il-Bank of Valletta in virtu’ tas-sentenza tal-5 ta’ Dicembru 1997, dok. XX20, li m’ghandha x’taqsam assolutament xejn ma’ din il-kawza, assolutament xejn mal-Villa AMZ, u assolutament xejn mieghi”*. Dan mhux minnu in kwantu l-kreditu li tieghu ntalab il-hlas fil-kawza deciza fil-5 ta’

---

[15] **Peter Paul Muscat vs Mario Muscat proprio et nomine et** (Cit. numru 51/2002) deciza fit-28 ta’ Settembru 2007.

Dicembru 1997 (cit. numru 227/1997) kellu l-origini tieghu proprju fil-kuntratt tal-15 ta’ April 1995 atti nutar Carmel Mangion li bih il-bank ta self lil Mario Muscat ta’ mija u tletin elf lira Maltija (Lm130,000), liema debitu l-istess Mario Muscat kien rega’ kkonferma fil-kuntratt li sar fl-14 ta’ Mejju 1997. Ghalhekk il-kreditu kien wiehed.
(e) Wiehed ma jridx jinsa wkoll li l-bank kien effettivament silef lil Mario Muscat is-somma ta’ mija u tletin elf lira Maltija (Lm130,000), liema self ma thallasx lura. Li sar dan is-self u li l-flus kienu dovuti m’huwiex kontestat. Kien proprju ghalhekk li l-bank intervjena fis-subbasta numru 16/99, sabiex jithallas dak li effettivament kien dovut lilu, b’applikazzjoni tal-Artikolu 346 tal-Kap. 12:-

> **346.** (1) Kull kreditur ieħor jista’ permezz ta’ nota li tiġi notifikata lill-esekutant u lid-debitur, jidħol fl-atti ta’ l-irkant bħala esekutant ieħor, u dan l-esekutant l-ieħor ikollu l-istess jeddijiet u obbligazzjonijiet daqslikieku kien l-esekutant oriġinali.
>
> (2) Kull esekutant jista’ jkompli l-atti ta’ l-irkant indipendentement miċ-ċessjoni ta’ kull esekutant ieħor jew mill-mewt tiegħu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qegha taqta’ u tiddecidi l-kawza billi:-

1. Tichad l-ewwel (1) eccezzjoni ta’ Mario Muscat bl-ispejjez kontra tieghu. Tichad ukoll l-ewwel (1) eccezzjoni tal-bank ritrattat in kwantu l-Qorti m’hijiex tal-fehma li l-kawza hi frivola u vessatorja. Tichad ukoll it-tieni (2) u tielet (3) eccezzjoni tal-Bank of Valletta plc, bl-ispejjez kontrihom.

2. Tilqa’ t-tieni (2) eccezzjoni ta’ Mario Muscat limitatament fis-sens li s-sentenza moghtija fis-27 ta’ Jannar 2005 fil-kawza **Bank of Valletta plc vs Mario Muscat et** (Cit.numru:- 76/2002) ma ttiehditx bil-qerq, u tilqa’ r-raba (4), hames (5), s-sitt (6) u sebgha (7) eccezzjonijiet tal-Bank of Valletta plc u tichad it-talbiet kollha tar-ritrattandi Peter u Valeri Muscat bl-ispejjez kontra taghhom salv ghal dawk hawn fuq imsemmija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------